Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,117, 19 ta' Settembru, 2023
Taqsima B

A.L. 212 tal-2023

ATT DWAR L-AVUKAT TAL-ISTAT
(KAP. 603)

Regolamenti tal-2023 li jemendaw Liġijiet Varji relatati mas-sostituzzjoni ta' referenzi għall-Avukat Ġenerali b'referenzi għall-Avukat tal-Istat

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(2) tal-Att dwar l-Avukat tal-Istat, il-Ministru responsabbli għall-ġustizzja għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2023 li jemendaw Liġijiet Varji relatati mas-sostituzzjoni ta' referenzi għall-Avukat Ġenerali b'referenzi għall-Avukat tal-Istat u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mal-Att dwar l-Avukat tal-Istat u mal-liġijiet li hemm referenza għalihom fir-regolament 2, hawn aktar 'il quddiem imsejħa "l-liġijiet prinċipali". Kap. 603.

Jemenda l-liġijiet prinċipali.

2. Il-kliem "Avukat Ġenerali" fil-liġijiet prinċipali għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "Avukat tal-Istat" kif ġej:

1. Fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12):

   (i) fl-artikolu 461;

   (ii) fl-artikolu 462.

2. Fil-Kodiċi Ċivili (Kap. 16):

   (i) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 661;

   (ii) fit-Tieni Skeda:

      (a) fis-subartikolu (3) tal-artikolu 8;

      (b) fil-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) tal-artikolu 32;

      (ċ) fil-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 38.

3. Fl-Att dwar it-Tiġdid ta' Kiri ta' Raba' (Kap. 199):

   (i) fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (6) tal-artikolu 5.

4. Fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja (Kap. 291):

(i) fis-subartikolu (9) tal-artikolu 4.

5. Fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378):

(i) fl-artikolu 19.

6. Fl-Att dwar Tribunal għal Talbiet Żgħar (Kap. 380):

(i) fl-artikolu 6.

7. Fl-Att dwar Kumpanniji Kontrollati (Proċedura ta' Stralċ) (Kap. 383):

(i) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 7.

8. Fl-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar (Kap. 551):

(i) fis-subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 8.

9. Fl-Att dwar Artijiet tal-Gvern (Kap. 573):

(i) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 33;

(ii) fis-subartikolu (1) tal-artikolu 57.

10. Fl-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (Kap. 586):

(i) fis-subartikolu (2) tal-artikolu 17.

11. Fir-Regolamenti dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili u Il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja) (L.S. 12.20):

(i) fis-subregolament (4) tar-regolament 3.

12. Fir-Regolamenti dwar l-Akkwist Pubbliku (L.S. 601.03):

(i) fir-regolament 255.

13. Fir-Regolamenti dwar il-Panel ta' Arbitraġġ għal Kirjiet Residenzjali Privati (L.S. 604.01):

(i) fis-subregolament (2) tar-regolament 3.

Dispożizzjoni tranżitorja.

3. (1) Is-sostituzzjoni ta' referenzi għall-Avukat Ġenerali b'referenzi għall-Avukat tal-Istat kif provdut fir-regolament 2 hija mingħajr preġudizzju għal dak kollu li sar jew li jista' għad irid isir mill-Avukat Ġenerali fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet taħt il-liġijiet imsemmija fir-regolament 2.

(2) L-ebda formalità ma għandha tkun meħtieġa sabiex l-eżekuzzjoni ta' funzjoni mibdija mill-Avukat Ġenerali qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti titkompla mill-Avukat tal-Istat wara l-imsemmi dħul fis-seħħ.